KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fl-1 ta' Frar 2017 [1]

Kawża C-670/15

Jan Šalplachta

[Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (qorti federali tax-xogħol, il-Ġermanja)]

"Talba għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Aċċess għall-ġustizzja f'tilwimiet transkonfinali – Direttiva 2003/8/KE – Kamp ta' applikazzjoni – Talba għal għajnuna legali magħmula lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn il-qorti hija kkostitwita – Rimbors tal-ispejjeż magħmula għat-traduzzjoni ta' dokumenti annessi mat-talba għal għajnuna legali."

Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari toffri lill-Qorti tal-Ġustizzja opportunità sabiex tikkjarifika l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/8/KE [2], li għandha l-għan li tistabbilixxi r-regoli komuni minimi dwar l-għajnuna legali għal tilwim transkonfinali.

2. Il-Bundesarbeitsgericht (qorti federali tax-xogħol, il-Ġermanja) hija adita b'tilwima dwar ir-rimbors ta' spejjeż magħmulin fir-rigward ta' talba għal għajnuna legali, jiġifieri l-ispejjeż ta' traduzzjoni ta' dokumenti annessi ma' tali talba. Il-liġi Ġermaniża li tittrasponi d-Direttiva 2003/8 ma tipprovdix għall-għoti ta' għajnuna legali għall-proċedura tal-għajnuna legali nnifisha, meta dik it-talba ssir quddiem il-qorti Ġermaniża li hija wkoll awtorità kompetenti. Permezz ta' din it-talba, l-ogħla qorti tax-xogħol Ġermaniża trid tivverifika indirettament il-kompatibbiltà tar-regoli nazzjonali mad-Direttiva 2003/8 (iktar 'il quddiem "id-Direttiva").

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Direttiva tal-Kunsill 2003/8, tas-27 ta' Jannar 2003, biex ittejjeb l-aċċess għal ġustizzja f'tilwimiet bejn il-konfini billi tistabbilixxi regoli komuni minimi konnessi ma' għajnuna legali għal tilwimiet bħal dawn (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 90).

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3. Id-Direttiva 2003/8 tipprovdi:

“Artikolu 3

Dritt għal għajnuna legali

1. Persuni naturali involuti f’tilwima koperta b’din id-Direttiva għandhom ikunu intitolati biex jirċievu għajnuna legali xierqa biex jiżguraw l-aċċess effettiv għal ġustizzja tagħhom skond il-kondizzjonijiet preskritti f’din id-Direttiva.

2. Għajnuna legali hija kkonsidrata xierqa meta tiggarantixxi:

(a) parir qabel il-litigazzjoni bi ħsieb li jintlaħaq ftehim qabel jinġiebu (jinbdew) proċeduri legali;

(b) assistenza legali u rappreżentanza fil-qorti, u eżenzjoni mill-ispiża tal-proċeduri tar-riċevitur, jew assistenza fihom, inklużi l-ispejjeż li jirreferi għalihom l-Artikolu 7 u l-ħlasijiet lil persuni li għandhom mandat mill-qorti biex jeżegwixxu atti matul il-proċeduri.

[…]

Artikolu 7

Spejjeż konnessi man-natura ta’ bejn konfini tat-tilwima

Għajnuna legali mogħtija fl-Istat Membru li fih il-qorti huwa kkostitwit għandha tkopri l-ispejjeż li ġejjin direttament konnessi man-natura ta’ bejn konfini tat-tilwima:

[…]

(b) traduzzjoni tad-dokumenti rekwiżiti mill-qorti jew mill-awtorità kompetenti u ppreżentati mir-riċevitur li huma meħtieġa għas-soluzzjoni tal-każ; u

[…]

Artikolu 8

Spejjeż koperti mill-Istat Membru tad-domiċilju jew residenza abitwali

Stat Membru li fih l-applikant għal għajnuna legali huwa ddomiċiljat jew residenti abitwali għandu jipprovdi għajnuna legali, kif jirreferi għaliha l-Artikolu 3(2), meħtieġa biex tkopri:

(a) spejjeż konnessi ma’ l-assistenza ta’ avukat lokali jew xi persuna oħra intitolata bil-liġi li tagħti parir legali, minfuqa f’dak l-Istat Membru sakemm l-applikazzjoni għal għajnuna legali tkun irċevuta, skond din id-Direttiva, fl-Istat Membru li fih il-qorti huwa kkostitwit;

(b) it-traduzzjoni ta’ l-applikazzjoni u d-dokumenti ta’ sostenn meħtieġa meta l-applikazzjoni tkun issottomessa lill-awtoritajiet f’dak l-Istat Membru.

[…]

Artikolu 13

Introduzzjoni u trasmissjoni ta' applikazzjonijiet ta' għajnuna legali

1. Applikazzjonijiet ta' għajnuna legali jistgħu jkunu ssottomessi kemm lil:

(a) l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fih l-applikant huwa domiċiljat jew residenti abitwali (l-awtorità trasmittenti); kemm

(b) l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fih il-qorti hija kkostitwita jew fejn id-deċiżjoni għandha tkun infurzata (awtorità riċevitur).

2. Applikazzjonijiet għal għajnuna legali għandhom jimtlew fi, u dokumenti ta' sostenn tradotti fi:

(a) l-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi ta' l-Istat Membru ta' l-awtorità riċevitur kompetenti li tikkorrispondi ma' waħda mil-lingwi ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunita;

(b) lingwa oħra li dak l-Istat Membru ikun indika li jista' jaċċetta skont l-Artikolu 14(3).

[…]

4. L-awtorità trasmittenti kompetenti għandha tgħin lill-applikant biex jiżgura li l-applikazzjoni tkun akkompanjata mid-dokumenti ta' sostenn kollha magħrufa minnu li huma rekwiżiti biex ikun possibbli li l-applikazzjoni tkun iddeterminata. Għandha wkoll tgħin lill-applikant biex jipprovdi kull traduzzjoni meħtieġa tad-dokumenti ta' sostenn, skont l-Artikolu 8(b).

L-awtorità trasmittenti kompetenti għandha titrasmetti l-applikazzjoni lill-awtorità riċevitur kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor fi żmien 15il jum mir-riċeviment ta' l-applikazzjoni dovutement mimlija f'waħda mil-lingwi li jirreferi għalihom il-paragrafu 2, u d-dokumenti ta' sostenn, tradotti, fejn meħtieġ, f'waħda minn dawk il-lingwi.

[…]

6. L-Istati Membri jistgħu ma jitolbux ħlas għal servizzi mogħtija skont il-paragrafu 4. […]"

Id-dritt Ġermaniż

4. Id-Direttiva 2003/8 ġiet trasposta fid-dritt Ġermaniż fl-Artikoli 114 sa 127a kif ukoll fl-Artikoli 1076 sa 1078 taż-Zivilprozessordnung (Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; iktar 'il quddiem iż-"ZPO").

5. Skont l-Artikolu 114(1) taż-ZPO:

"Parti li minħabba ċ-ċirkustanzi personali u ekonomiċi tagħha ma tistax tħallas l-ispejjeż tal-proċeduri, jew tista' tħallashom biss parzjalment jew bin-nifs biss, għandha tirċievi għajnuna legali, wara talba, jekk l-azzjoni jew difiża intiża tagħha għandha biżżejjed prospetti ta' suċċess u ma tidhirx li hija frivola. Għal għajnuna legali transkonfinali ġewwa l-Unjoni Ewropea, għandhom japplikaw ukoll l-Artikoli 1076 sa 1078".

6. Skont l-Artikolu 117(1) u (2) taż-ZPO:

"(1) It-talba għall-għoti tal-għajnuna legali għandha ssir lill-qorti li tkun qed tisma' l-kawża; […]

(2) Dikjarazzjoni mill-parti dwar iċ-ċirkustanzi personali u ekonomiċi tagħha (ċirkustanzi familjari, l-impjieg, il-kapital, id-dħul u l-obbligi) u dokumenti ta' sostenn korrispondenti għandhom jiġu annessi mat-talba. […]"

7. Skont l-Artikolu 1076 taż-ZPO:

"Għal għajnuna legali transkonfinali ġewwa l-Unjoni Ewropea skont id-[Direttiva 2003/8], l-Artikoli 114 sa 127a għandhom japplikaw sakemm ma jiġix ipprovdut mod ieħor iktar 'l isfel."

8. Skont l-Artikolu 1078(1) taż-ZPO:

"Il-qorti li tisma' l-kawża jew il-qorti li teżegwixxi d-deċiżjoni għandha tkun kompetenti għal talbiet li jidħlu għal għajnuna legali transkonfinali. It-talbiet għandhom jitlestew bil-Ġermaniż u flimkien mad-dokumenti ta' sostenn irid ikun hemm traduzzjoni tagħhom bil-Ġermaniż. […]"

9. Skont il-ġurisprudenza Ġermaniża, kif spjegat il-qorti tar-rinviju, dawk id-dispożizzjonijiet ma jipprovdux għall-għoti ta' għajnuna legali għall-proċedura tal-għajnuna legali nnifisha, billi dik il-proċedura ma tikkostitwixxix "proċeduri" fit-tifsira tal-Artikolu 114 taż-ZPO. L-għoti ta' għajnuna legali għall-ispejjeż li jsiru għat-traduzzjoni tad-dikjarazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn li għandhom jiġu annessi mat-talba għal għajnuna legali fil-lingwa tal-qorti huwa għalhekk esklużż. Għaldaqstant, fir-rigward ta' applikant residenti fi Stat Membru ieħor, li jagħmel kawża direttament f'qorti Ġermaniża u fl-istess ħin jissottometti talba lil dik il-qorti sabiex jingħata l-għajnuna legali, japplikaw l-istess dispożizzjonijiet bħal tar-residenti Ġermaniżi.

Il-fatti, il-proċedura u d-domanda preliminari

10. J. Šalplachta huwa resident tar-Repubblika Ċeka. Fl-24 ta' Settembru 2013, waqt li aġixxa permezz tal-avukat Ġermaniż tiegħu, huwa fetaħ kawża fl-Arbeitsgericht Zwickau (qorti tax-xogħol, Zwickau, il-Ġermanja) għall-ħlas ta' arretrati ta' pagi kontra Elektroanlagen & Computerbau GmbH, ditta residenti fil-Ġermanja, u fl-istess ħin għamel talba għall-għoti ta' għajnuna legali. Fis-27 ta' Novembru 2013 huwa applika sabiex l-għajnuna legali tiġi estiża biex tkopri l-ispejjeż tat-traduzzjoni tad-dokumenti li juru d-dħul u l-kapital tiegħu.

11. Fit-8 ta' April 2014 id-dikjarazzjoni taċ-ċirkustanzi ekonomiċi u personali tar-rikorrent, ikkompletata bil-Ġermaniż u ffirmata mir-rikorrent fit-23 ta' Settembru 2013, waslet fir-reġistru tal-Arbeitsgericht Zwickau (qorti tax-xogħol, Zwickau). Il-formola tad-dikjarazzjoni, inklużi l-ispjegazzjonijiet u d-dokumenti ta' sostenn, kienu ġew tradotti bil-Ġermaniż minn aġenzija ta' traduzzjoni kummerċjali bbażata fi Dresden (il-Ġermanja). Ir-rikorrent daħħal fil-proċess tal-kawża żewġ fatturi li indirizzatlu l-aġenzija tat-traduzzjoni.

12. L-Arbeitsgericht Zwickau (qorti tax-xogħol, Zwickau) tat lir-rikorrent l-għajnuna legali għall-proċeduri fl-ewwel istanza, imma rrifjutat li tagħti rimbors tal-ispejjeż tat-traduzzjoni. L-appell tar-rikorrent ġie miċħud mil-Landesarbeitsgericht (qorti għolja tax-xogħol). Ir-rikorrent ippreżenta appell ieħor fuq punt ta' liġi quddiem il-qorti tar-rinviju.

13. Il-qorti tar-rinviju tosserva li l-appell jiġi ammess biss jekk l-Artikolu 114 *et seq*. taż-ZPO kellu jiġi interpretat, skont id-dritt tal-UE, bħala li jfisser li l-ispejjeż li saru mir-rikorrent għat-traduzzjoni tad-dikjarazzjoni u ta' dokumenti ta' sostenn annessi mat-talba għal għajnuna legali jkunu koperti mill-għajnuna legali mogħtija mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Inkella l-appell ikollu jiġi miċħud.

14. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesarbeitsgericht (qorti federali tax-xogħol) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Id-dritt ta' persuna fiżika għall-aċċess effettiv għall-ġustizzja f'kawża transkonfinali fis-sens tal-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE, tas-27 ta' Jannar 2003, biex ittejjeb l-aċċess għal ġustizzja f'tilwimiet bejn il-konfini billi tistabbilixxi regoli komuni minimi konnessi ma' għajnuna legali għal tilwimiet bħal dawn, jeżiġi li l-għajnuna legali mogħtija mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tinkludi l-ispejjeż imħallsa mir-rikorrent għat-traduzzjoni tad-dikjarazzjoni u tad-dokumenti konnessi annessi mal-applikazzjoni għal għajnuna legali, meta r-rikorrent jippreżenta, kontestwalment mal-kawża, applikazzjoni għal għajnuna legali quddiem il-qorti li tieħu konjizzjoni tal-kawża, li hija wkoll kompetenti bħala awtorità riċevitur fis-sens tal-Artikolu [13(1)(b)] tad-Direttiva, u meta huwa stess ikun ħa ħsieb li t-traduzzjoni inkwistjoni ssir?"

15. Il-Qorti tal-Ġustizzja rċeviet id-deċiżjoni tar-rinviju fil-15 ta' Diċembru 2015. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn J. Šalplachta, mill-Gvern Ġermaniż u mill-Gvern Ċek, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. J. Šalplachta, il-Gvern Ġermaniż u l-Gvern Spanjol, kif ukoll il-Kummissjoni, ressqu sottomissjonijiet orali fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2016.

Analiżi

Introduzzjoni

16. L-Artikolu 13(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2003/8 jagħti lil applikant għal għajnuna legali għażla proċedurali li jissottometti t-talbiet tiegħu jew lill-qorti kompetenti tal-Istat Membru fejn huwa ddomiċiljat jew residenti abitwalment [punt (a)] jew lill-awtorità tal-Istat Membru fejn il-qorti hija kkostitwita jew fejn id-deċiżjoni għandha tiġi eżegwita [punt (b)].

17. Meta t-talba għal għajnuna legali tiġi ssottomessa lill-Istat Membru tad-domiċilju jew tar-residenza abitwali tal-applikant, l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru sservi ta' "awtorità trażmittenti", u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn il-qorti hija kkostitwita jew fejn id-deċiżjoni għandha tiġi eżegwita sservi bħala "l-awtorità riċeventi".

18. Skont l-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2003/8, l-awtorità trażmittenti fl-Istat Membru tad-domiċilju jew tar-residenza abitwali tal-applikant, qabel ma tittrażmetti t-talba lill-awtorità riċeventi, għandha tassisti lill-applikant sabiex tiġi pprovduta traduzzjoni tad-dokumenti ta' sostenn.

19. Dik id-dispożizzjoni tirrifletti l-Artikolu 8(b) tad-Direttiva 2003/8 li jeħtieġ li l-Istat Membru fejn huwa ddomiċiljat jew residenti abitwalment l-applikant għandu jipprovdi l-għajnuna legali neċessarja biex ikopri t-traduzzjoni tat-talbiet u tad-dokumenti ta' sostenn meħtieġa meta t-talba tintbagħat lill-awtorità kompetenti f'dak l-Istat Membru.

20. Madankollu, id-Direttiva 2003/8 ma tittrattax espliċitament ir-rimbors tal-ispejjeż tat-traduzzjoni, meta t-talba għal għajnuna legali tiġi ssottomessa lill-awtoritajiet fl-Istat Membru fejn il-qorti hija kkostitwita (l-Istat Membru tal-forum).

21. Permezz ta' din it-talba, il-qorti tar-rinviju trid tiċċara jekk id-Direttiva 2003/8 teħtieġx li dawk l-ispejjeż jiġu koperti wkoll f'din l-aħħar sitwazzjoni.

22. Il-qorti tar-rinviju essenzjalment trid taċċerta jekk id-Direttiva 2003/8 teħtieġx li l-għajnuna legali mogħtija mill-Istat Membru fejn hija kkostitwita l-qorti għandhiex tkopri l-ispejjeż li jkun għamel applikant għat-traduzzjoni tad-dikjarazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn annessi mat-talba għal għajnuna legali, fejn it-talba tiġi ssottomessa lill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru, pjuttost milli lill-awtoritjaiet fl-Istat Membru fejn l-applikant huwa ddomiċiljat jew residenti abitwalment.

Il-kliem tad-dispożizzjonijiet rilevanti

23. Għalkemm il-qorti tar-rinviju tirriferi għall-Artikoli 1, 2 u 13(1)(b) tad-Direttiva, jiena nikkunsidra li sabiex tingħata risposta utli l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tinterpreta l-Artikoli 3 u 7 tad-Direttiva.

24. Skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva persuni naturali involuti f'tilwima koperta bid-Direttiva għandhom ikunu intitolati biex jirċievu għajnuna legali xierqa biex jiżguraw l-aċċess effettiv għal ġustizzja tagħhom skont il-kundizzjonijiet stabbilit fid-Direttiva. L-għajnuna legali titqies xierqa meta tiggarantixxi, b'mod partikolari, assistenza legali u rappreżentanza fil-qorti, u eżenzjoni minn, jew assistenza fl-ispiża tal-proċeduri tar-riċevent, inklużi l-ispejjeż msemmija fl-Artikolu 7 u d-drittijiet għal persuni inkarigati mill-qorti biex iwettqu atti matul il-proċeduri (Artikolu 3(2)(b)).

25. Il-kundizzjonijiet u l-firxa tal-għajnuna legali huma stabbiliti wkoll fl-Artikoli 5 sa 11 tad-Direttiva.

26. Dawk id-dispożizzjonijiet jirregolaw id-dritt għal għajnuna legali kemm fl-Istat Membru tal-forum (Artikoli 5 sa 7) kif ukoll fl-Istat Membru tad-domiċilju jew tar-residenza abitwali tal-applikant (Artikolu 8).

27. B'mod partikolari, fir-rigward tal-ispejjeż relatati man-natura transkonfinali tat-tilwima, l-Artikolu 7(b) tad-Direttiva jipprovdi li l-għajnuna legali għandha testendi għall-ispejjeż relatati direttament man-natura transkonfinali tat-tilwima, inklużi dawk magħmula għat-traduzzjoni tad-dokumenti meħtieġa mill-qorti jew mill-awtorità kompetenti u ppreżentati mir-riċevent tal-għajnuna legali li huma meħtieġa għar-riżoluzzjoni tal-każ.

28. Skont l-Artikolu 8(b) tad-Direttiva, l-Istat Membru fejn huwa ddomiċiljat jew huwa resident abitwalment l-applikant għal għajnuna legali għandu jipprovdi għajnuna legali għat-traduzzjoni tat-talba u tad-dokumenti ta' sostenn neċessarji meta t-talba tiġi ssottomessa lill-awtoritajiet f'dak l-Istat Membru.

29. Il-kliem ta' dawn id-dispożizzjonijiet ma jirriferixxix espliċitament għall-ispejjeż tat-traduzzjoni magħmula għat-talba għal għajnuna legali meta t-talba hija ssottomessa fl-Istat Membru tal-forum. Minn naħa, l-Artikolu 7 tad-Direttiva, li jittratta l-ispejjeż fl-Istat Membru tal-forum jirriferi għat-traduzzjoni tad-dokumenti "li huma meħtieġa għas-soluzzjoni tal-każ" u ma jsemmix espliċitament l-ispejjeż magħmula fir-rigward ta' talba għal għajnuna legali. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 8 tad-Direttiva, li jirreferi espressament għal dawn l-ispejjeż, jirrigwarda biss l-ispejjeż koperti mill-Istat Membru fejn l-applikant huwa ddomiċiljat jew resident abitwali.

30. L-ambigwità li tirriżulta hija riflessa fil-pożizzjonijiet opposti espressi f'dawn il-proċeduri.

31. Il-qorti tar-rinviju – għalkemm innotat li dik l-interpretazzjoni ma tistax tiġi dedotta b'mod ċar mid-Direttiva – hija tal-fehma li l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2003/8 jesprimi l-idea li l-ispejjeż li jagħmel applikant għal għajnuna legali għat-traduzzjoni tad-dikjarazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn annessi mat-talba għal għajnuna legali jitħallsu esklużivament mill-Istat Membru tad-domiċilju jew residenza abitwali tal-applikant, f'dan il-każ, mir-Repubblika Ċeka. Dik il-qorti tosserva wkoll li, anki għalkemm

dik l-interpretazzjoni timplika li l-ispejjeż tat-traduzzjoni bl-ebda mod ma huma koperti meta t-talba tiġi ssottomessa direttament fl-Istat Membru tal-forum, din il-konsegwenza tirriżulta mill-għażla proċedurali magħmula mill-applikant. L-applikant kellu l-possibbiltà li japplika għal għajnuna legali fir-Repubblika Ċeka, u ma kien ibati minn ebda żvantaġġ legali kieku għamel hekk.

32. It-tliet Stati Membri intervenjenti fil-kawża ineżami jaqblu ma' din il-fehma.

33. Il-Gvern Ġermaniż, il-Gvern Ċek u l-Gvern Spanjol josservaw li l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/8 jirriferi għall-ispejjeż magħmula għat-traduzzjoni ta' dokumenti "li huma meħtieġa għas-soluzzjoni tal-każ" u ma jirriferixxix espliċitament għall-ispejjeż tat-traduzzjoni tad-dokumenti marbutin mat-talba għal għajnuna legali. Huma josservaw li l-ispejjeż magħmulin fir-rigward ta' talba għal għajnuna legali ma humiex strettament l-ispejjeż tal-proċeduri ġudizzjarji. Fil-fatt, il-Gvern Spanjol jenfasizza li f'xi sistemi legali talba għal għajnuna legali ma ssirx lil qorti imma minflok lil awtorità amministrattiva kompetenti u tiġi ttrattata skont proċedura amministrattiva li hija indipendenti mill-proċeduri tal-qorti relatati mat-tilwima sostantiva. Anki f'dawk is-sistemi fejn it-talba għal għajnuna legali trid issir fil-qorti li hija kompetenti biex tisma' t-tilwima sostantiva, dik it-talba xorta tiġi kkunsidrata taħt proċedura separata mill-proċeduri ġudizzjarji relatati ma' dik it-tilwima.

34. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali u l-Kummissjoni għandhom fehma opposta.

35. Ir-rikorrent jikkontesta l-fatt li l-esklużjoni, mill-benefiċċju tal-għajnuna legali, tal-ispejjeż magħmula fir-rigward tat-talba għal għajnuna legali toħloq ostakolu għall-aċċess għall-ġustizzja f'tilwim transkonfinali. Jekk dawn l-ispejjeż kellhom jiġu rrimborsati biss fl-Istat Membru tad-domiċilju jew tar-residenza abitwali tal-applikant, dan jippenalizza lill-applikant talli jkun issottometta t-talba għal għajnuna legali tiegħu direttament fl-Istat Membru tal-forum u b'hekk jillimita l-għażliet proċedurali tiegħu li tipprovdilu d-Direttiva u tesponih ukoll għall-inċertezza dwar l-osservanza tat-termini.

36. Il-Kummissjoni ssostni li l-firxa ta' għajnuna legali skont id-Direttiva għandha tiġi ddeterminata fid-dawl tal-għanijiet li trid tilħaq id-Direttiva u, barra minn hekk, ma għandhiex tiddependi fuq il-mekkaniżmu proċedurali magħżul mill-applikant għall-għajnuna legali. Ma jkunx koerenti li l-għajnuna legali tiġi estiża għall-ispejjeż tat-traduzzjoni relatati mat-talba għal għajnuna legali biss meta tali talba tiġi ssottomessa fl-Istat Membru tad-domiċilju jew tar-residenza abitwali tal-applikant, imma mhux meta tiġi ssottomessa direttament fl-Istat Membru tal-forum. Skont il-Kummissjoni, l-ispejjeż tat-traduzzjoni għandhom jiġu rrimborsati fiż-żewġ sitwazzjonijiet.

37. Billi l-kliem tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva jista' jagħti lok għal interpretazzjonijiet kunfliġġenti, jiena se nirreferi ulterjorment għal interpretazzjoni teleoloġika u sistemika u, bħala kunsiderazzjoni sussidjarja, għax-xogħol preparatorju għad-Direttiva.

L-istruttura u l-għan tad-Direttiva 2003/8

38. Kif jidher mill-Artikolu 1(1) u mill-premessi 5 u 6 tagħha, id-Direttiva 2003/8 għandha l-għan li tiżgura aċċess effettiv għall-ġustizzja f'tilwim transkonfinali għal persuni li ma għandhomx riżorsi suffiċjenti.

39. L-għan tad-Direttiva jikkonsisti, għalhekk, fl-implementazzjoni tad-dritt għall-protezzjoni ġudizzjarja effettiva għal kategoriji ta' litigazzjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-direttiva, skont l-Artikolu 47(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li tiggarantixxi d-dritt għal għajnuna legali fejn tali għajnuna hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat aċċess

effettiv għall-ġustizzja [3].

40. Sabiex tilħaq dan l-għan, id-Direttiva tistabbilixxi ċerti regoli komuni minimi relatati, b'mod partikolari, mad-dritt għal għajnuna legali xierqa (Artikolu 3) u l-firxa ta' għajnuna legali f'kuntesti transkonfinali (Artikolu 7). B'hekk, id-Direttiva trid tegħleb l-ostakoli ta' aċċess għall-ġustizzja li jirriżultaw mill-ispejjeż addizzjonali relatati man-natura transkonfinali tat-tilwima.

41. Fil-fehma tiegħi, sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva, l-"għajnuna legali xierqa" kif prevista fl-Artikoli 3 u 7 tad-Direttiva għandha tiġi interpretata bħala li tkopri wkoll l-ispejjeż li jsiru minħabba n-natura transkonfinali tat-talba għal għajnuna legali nnifisha, bħall-ispejjeż tat-traduzzjoni tat-talba u tad-dokumenti ta' sostenn.

42. Fis-sitwazzjonijiet previsti mid-Direttiva, is-sottomissjoni ta' talba għal għajnuna legali hija prekundizzjoni sabiex jiġi żgurat aċċess għall-ġustizzja. Persuni li minħabba s-sitwazzjoni ekonomika tagħhom ma jkunux jistgħu jħallsu l-ispejjeż tal-litigazzjoni, jistgħu jsibuha diffiċli li jkopru l-ispejjeż tat-traduzzjoni tad-dokumenti neċessarji għas-sottomissjoni ta' talba għal għajnuna legali transkonfinali. L-aċċess għall-ġustizzja f'tilwim transkonfinali jista' b'hekk jiġi pperikolat jekk l-applikant ma jkunx kiseb sostenn għall-ispejjeż tat-traduzzjoni relatati mat-talba għal għajnuna legali tiegħu jew tagħha.

43. Din il-kunsiderazzjoni hija kkonfermata mis-sistema tad-Direttiva, li d-dispożizzjonijiet tagħha ma humiex ristretti għar-rimbors tal-ispejjeż tal-litigazzjoni, imma jittrattaw ukoll l-ispejjeż tal-pariri legali qabel ma tiġi ssottomessa t-talba għal għajnuna legali kif ukoll l-ispejjeż magħmula fir-rigward tat-talba għal għajnuna legali (Artikolu 8).

44. Barra minn hekk, billi d-Direttiva fiha dispożizzjonijiet dwar ir-rimbors tal-ispejjeż ta' talbiet għal għajnuna legali, dawn l-ispejjeż għandhom jiġu rrimborsati irrispettivament mill-għażla magħmula mill-applikant skont l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva.

45. Il-firxa tal-għajnuna legali ma għandhiex tvarja skont it-tip ta' mekkaniżmu proċedurali użat għas-sottomissjoni tat-talba għal għajnuna legali.

46. L-ewwel nett, l-esklużjoni ta' dawn l-ispejjeż f'sitwazzjoni fejn it-talba tkun ssottomessa direttament fl-Istat Membru tal-forum, fil-prattika tirrestrinġi l-għażla tal-applikant bejn iż-żewġ alternattivi proċedurali li huma espliċitament ipprovduti fl-Artikolu 13(1) tad-Direttiva. It-tieni nett, restrizzjoni bħal din potenzjalment iġġiegħel lill-applikant li jagħżel soluzzjoni proċedurali iktar oneruża. Minflok ma jissottometti t-talba għal għajnuna legali direttament lill-qorti kompetenti biex tisma' t-tilwima sostantiva, l-applikant ikollu joqgħod jistitwixxi żewġ proċeduri separati, l-ewwel waħda quddiem il-qorti kompetenti, sabiex jiżgura l-osservanza tat-termini, u t-tieni waħda quddiem l-awtoritajiet fl-Istat Membru tad-domiċilju jew tar-residenza abitwali tiegħu jew tagħha, sabiex jikseb ir-rimbors tal-ispejjeż li jsiru fir-rigward tat-talba għal għajnuna legali.

47. Jiena nikkunsidra li ma jkunx xieraq li wieħed jinterpreta li hemm intenzjoni bħal dik fid-dispożizzjonijiet fl-Artikoli 3, 7 u 8 tad-Direttiva. Ma jidhirx li huwa konsistenti li l-applikant jiġi pprovdut b'żewġ għażliet alternattivi imbagħad jiġi ppenalizzat talli segwa waħda mill-alternattivi proċedurali espliċitament prevista. Restrizzjoni bħal dik tal-għażliet proċedurali disponibbli għar-rikorrenti tal-għajnuna legali toħloq ostakolu addizzjonali għall-aċċess għall-ġustizzja, kuntrarjament għall-għanijiet segwiti mid-Direttiva.

3 Naturalment, fiż-żmien meta ġiet adottata d-Direttiva, il-Karta kienet għadha ma hijiex legalment vinkolanti fir-rigward tal-Istati Membri. Ara, fil-letteratura legali Pollakka Kowalik-Bańczyk, K., Pojęcie sporu transgranicznego w dyrektywie Rady Nr 2003/8 [fi] Współpraca sądowa, Czapliński, W., Wróbel, A., (edituri), Varsavja 2007, p. 39, fil-paġna 42.

48. Fl-opinjoni tiegħi, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu s-sistema u l-għan tad-Direttiva, l-Artikolu 7 tagħha, li jipprovdi li għajnuna legali fl-Istat Membru tal-forum għandha testendi għall-ispejjeż relatati direttament man-natura transkonfinali tat-tilwima, ma jistax jiġi interpretat bħala li jeskludi l-ispejjeż tat-traduzzjoni ta' dokumenti meħtieġa għad-deċiżjoni fuq it-talba għal għajnuna legali fil-kuntest ta' tali tilwima.

49. Għalhekk, jiena nikkunsidra li kemm is-sistema kif ukoll l-għan tad-Direttiva 2003/8 jappoġġaw l-interpretazzjoni li tgħid li l-firxa tal-għajnuna legali skont l-Artikoli 3 u 7 ta' dik id-direttiva tkopri l-ispejjeż tat-traduzzjoni li jsiru fir-rigward ta' talba għal għajnuna legali transkonfinali, inkluża s-sitwazzjoni fejn din it-talba tiġi ssottomessa direttament fl-Istat Membru tal-forum.

Xogħol preparatorju għad-Direttiva 2003/8

50. Fil-fehma tiegħi, interpretazzjoni bħal dik tal-Artikoli 3, 7 u 8 tad-Direttiva ssib appoġġ fix-xogħol preparatorju tagħha.

51. Fil-proposta tal-Kummissjoni [4], artikolu wieħed biss (l-Artikolu 5) kien jittratta dwar l-ispejjeż relatati man-natura transkonfinali tat-tilwima. L-ewwel żewġ paragrafi tiegħu kienu jikkonċernaw spejjeż bħal dawk li saru fl-Istat Membru tal-forum, filwaqt li t-tielet paragrafu rregola l-ispejjeż li jsiru fl-Istat Membru tar-residenza tar-rikorrent [5]. Għalhekk, skont is-sistema kif iddisinjata mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha l-ispejjeż transkonfinali ġeneralment ikunu koperti mill-Istat Membru tal-forum, ħlief – bħala eċċezzjoni – għal ċerti spejjeż li jsiru fl-Istat Membru tar-residenza tal-applikant. L-istruttura ta' dik id-dispożizzjoni baqgħet ma nbiddlitx wara l-qari fil-Parlament Ewropew, ħlief għall-emenda fl-Artikolu 5(3) introdotta biex tiġi żgurata konsistenza ma' emenda proposta għall-Artikolu 2(1) [6].

52. Fit-test tad-Direttiva kif adottata finalment mill-Kunsill [7] id-dispożizzjonijiet fuq l-ispejjeż relatati man-natura transkonfinali tat-tilwima ġew immodifikati u maqsuma bejn żewġ artikoli differenti – l-Artikolu 7, intitolat "Spejjeż konnessi man-natura ta' bejn konfini tat-tilwima", u l-Artikolu 8, intitolat "Spejjeż koperti mill-Istat Membru tad-domiċilju jew residenza abitwali". Madankollu, minn dawk il-modifiki ma jidhirx li l-Kunsill kellu l-intenzjoni li jwarrab il-kunċett inerenti fis-sistema kif ipproponiethom il-Kummissjoni, li qalet li l-ispejjeż relatati man-natura transkonfinali tat-tilwima kellhom jiġu, bħala regola ġenerali, koperti mill-Istat Membru tal-forum, bl-eċċezzjoni ta' ċerti spejjeż speċifiċi li jsiru fl-Istat Membru tad-domiċilju jew tar-residenza abitwali tal-applikant. Fil-fatt, rifless ta' dak il-prinċipju għadu jinstab fil-premessi tad-Direttiva [8].

53. Għalhekk, ix-xogħol preparatorju jidher li jappoġġa d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni fil-kawża preżenti li l-Artikolu 8 ġie abbozzat bħala eċċezzjoni għar-regola ġenerali li teħtieġ li l-Istat Membru tal-forum għandu jkopri l-ispejjeż. Fi kwalunkwe każ, ma nsib l-ebda sostenn għall-fehma li esprima l-Gvern Spanjol waqt is-seduta, meta qal li l-Artikoli 7 u 8 fihom regola dwar it-tqassim tal-ispejjeż, meta jispeċifikaw fid-dettall liema spejjeż huma koperti minn liema miż-żewġ Stati Membri

4 Proposta għal direttiva tal-Kunsill biex jitjieb l-aċċess għall-ġustizzja f'tilwim transkonfinali billi jiġu stabbiliti regoli komuni minimi dwar l-għajnuna legali u aspetti finanzjarji oħrajn ta' proċeduri ċivili [COM(2002) 13 tat-18 ta' Jannar 2002].

5 L-Artikolu 5 fil-proposta tal-Kummissjoni kien abbozzat kif ġej:
"Spejjeż relatati man-natura transkonfinali tat-tilwima. Għajnuna legali mogħtija fl-Istat Membru fejn il-qorti hija kkostitwita għandha tkopri l-ispejjeż direttament relatati man-natura transkonfinali tat-tilwima. Dawn l-ispejjeż għandhom jinkludu l-interpretazzjoni u t-traduzzjoni u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar fejn il-preżenza fiżika tal-persuni kkonċernati fil-qorti hija obbligatorja. L-Istat Membru fejn joqgħod l-applikant għal għajnuna legali għandu jagħti l-għajnuna legali sabiex jiġu koperti spejjeż li jsiru mir-riċevent f'dak l-Istat u, b'mod partikolari, l-ispiża għall-konsultazzjoni ta' avukat lokali." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

6 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew P5_TA(2002)0441, tal-25 ta' Settembru 2002. Emenda 17: "Artikolu 5(3) L-Istat Membru fejn joqgħod jew joqgħod abitwalment l-applikant għal għajnuna legali għandu jagħti kumpens fir-rigward tal-ispiża tal-għajnuna legali." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

7 Dokument tal-Kunsill Nru 13385/02 tat-18 ta' Novembru 2002.

8 Ara l-premessa 23, li timplika li l-għajnuna legali tingħata mill-Istat Membru fejn hija kkostitwita l-qorti jew fejn qed tintalab l-eżekuzzjoni, ħlief għall-għajnuna ta' qabel il-litigazzjoni.

kkonċernati. B'mod partikolari, kif għedt iktar 'il fuq [9], ma narax kif l-Artikolu 7 jista' jiġi interpretat bħala li jeskludi l-ispejjeż tat-traduzzjoni tad-dokumenti meħtieġa biex tiġi deċiża talba għal għajnuna legali, meta talba bħal dik tiġi ssottomessa fl-Istat Membru tal-forum. Fil-fehma tiegħi, interpretazzjoni restrittiva bħal dik hija f'kunflitt mal-għan tad-Direttiva li trid tiżgura d-dritt li tiġi rċevuta għajnuna legali xierqa sabiex jiġi ggarantit aċċess effettiv għall-ġustizzja f'tilwim transkonfinali.

54. Fl-aħħar nett, jiena nosserva li l-Gvern Ġermaniż matul is-seduta rrifera għall-fatt li d-Direttiva ssostitwixxiet is-sistema ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-għajnuna legali li kienet teżisti taħt il-Ftehim ta' Strasbourg tal-1977 tal-Kunsill tal-Ewropa [10].

55. Il-Ftehim ta' Strasbourg ipprovda sistema għat-trażmissjoni transkonfinali ta' talbiet għal għajnuna legali li ppermettew lill-applikanti li japplikaw għal għajnuna legali fl-Istat tar-residenza tagħhom. Il-Ftehim ipprovda wkoll li l-awtorità trażmittenti kellha tassisti lill-applikant f'li jiġi żgurat li mat-talba jkun hemm id-dokumenti neċessarji kollha u tassisti wkoll lill-applikant billi tiġi pprovduta kwalunkwe traduzzjoni neċessarja tad-dokumenti (Artikolu 3).

56. Il-mekkaniżmi ta' notifika u ta' trażmissjoni li jipprevedi l-Artikolu 13 tad-Direttiva huma ispirati direttament minn dawk tal-Ftehim ta' Strasbourg [11].

57. Madankollu, ma naħsibx li dan l-argument storiku jista' jiġi invokat biex juri, kif kellu l-intenzjoni l-Gvern Ġermaniż, li – peress li d-Direttiva tissostitwixxi l-Ftehim ta' Strasbourg – l-ispejjeż tat-traduzzjoni li jsiru fir-rigward ta' talbiet għal għajnuna legali jkunu koperti biss f'dawk is-sitwazzjonijiet kif kien previst qabel mill-Ftehim ta' Strasbourg, jiġifieri, biss fejn l-applikant jagħmel użu mis-sistema ta' trażmissjoni internazzjonali ta' talbiet għal għajnuna legali billi jagħmel dik it-talba fl-Istat Membru ta' residenza.

58. Il-Ftehim ta' Strasbourg introduċa s-sistema ta' trażmissjoni ta' talbiet għal għajnuna legali, imma ma kopriex il-kwistjoni tal-firxa tal-għajnuna legali fl-Istat fejn hija kkostitwita l-qorti. Ix-xogħol preparatorju għad-Direttiva juri li l-intenzjoni tal-leġiżlatura tal-Unjoni kienet biex wieħed jibni fuq il-Ftehim ta' Strasbourg, li fil-prattika ftit li xejn intuża [12].

59. Kieku l-interpretazzjoni sostnuta mill-Gvern Ġermaniż kellha tiġi aċċettata, dan ikun ifisser li d-Direttiva ma tmurx lil hinn b'mod sinjifikattiv mis-sistema li kienet teżisti taħt il-Ftehim ta' Strasbourg.

60. Konklużjoni bħal din jidhirli li tmur kontra l-intenzjoni tal-leġiżlatura tal-Unjoni. L-għan prinċipali tad-Direttiva ma kienx li jiġi stabbilit mekkaniżmu ieħor għat-trażmissjoni ta' talbiet għal għajnuna legali transkonfinali, billi mekkaniżmu bħal dak diġà kien jeżisti taħt il-Ftehim ta' Strasbourg. Id-Direttiva trid tiżgura d-dritt effettiv għal għajnuna legali fi Stat Membru ieħor, inkluża sitwazzjoni fejn l-applikant jagħżel li jissottometti talba għal għajnuna legali direttament fl-Istat Membru tal-forum. Biex dik l-opzjoni tkun effettiva, l-għajnuna legali għandha tkopri wkoll l-ispejjeż relatati man-natura transkonfinali tat-talbiet għal għajnuna legali.

9 Ara l-punt 48 ta' dawn il-konklużjonijiet.

10 Il-Ftehim Ewropew dwar it-trażmissjoni ta' talbiet għal għajnuna legali, iffirmat fi Strasbourg fl-1977 (disponibbli fi http://www.coe.int/en/web/conventions/). Meta ġiet adottata d-Direttiva, il-ftehim ġie rratifikat mill-Istati Membri tal-Unjoni kollha, bl-eċċezzjoni tal-Ġermanja. Mekkaniżmu simili għat-trażmissjoni tat-talbiet għal għajnuna legali huwa previst ukoll mill-Konvenzjoni ta' Den Haag, tal-25 ta' Ottubru 1980, dwar l-Aċċess Internazzjonali għall-Ġustizzja, li f'dak iż-żmien kienet ġiet irratifikata minn sitt Stati Membri biss.

11 Ara l-premessa 26 tad-Direttiva.

12 Ara l-Green paper tal-Kummissjoni "Legal aid in civil matters: The problems confronting the cross-border litigant [L-għajnuna legali f'kwistjonijiet ċivili: Il-problemi li jsib il-litigant transkonfinali]"(COM(2000) 51 tad-9 ta' Frar 2000, p. 15).

61. Fid-dawl ta' dawk ir-raġunijiet kollha, jiena nikkunsidra li kunsiderazzjonijiet kemm sistematiċi kif ukoll teleoloġiċi jappoġġaw interpretazzjoni tal-Artikoli 3 u 7 tad-Direttiva fis-sens li l-għajnuna legali għandha tinkludi l-ispejjeż magħmula mill-applikant għat-traduzzjoni tad-dikjarazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn annessi mat-talba għal għajnuna legali, u li din l-interpretazzjoni hija kkorroborata wkoll mix-xogħol preparatorju għad-Direttiva.

Konklużjoni

62. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tagħti r-risposta li ġejja għad-domanda preliminari magħmula mill-Bundesarbeitsgericht (qorti federali tax-xogħol, il-Ġermanja):

L-Artikoli 3(1) u 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE, tat-27 ta' Jannar 2003, biex ittejjeb l-aċċess għal ġustizzja f'tilwimiet bejn il-konfini billi tistabbilixxi regoli komuni minimi konnessi ma' għajnuna legali għal tilwimiet bħal dawn, għandhom jiġu interpretati bħala li jfissru li l-għajnuna legali mogħtija fl-Istat Membru fejn il-qorti hija kkostitwita għandha tkopri l-ispejjeż li jagħmel l-applikant għat-traduzzjoni tad-dikjarazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn annessi mat-talba għal għajnuna legali, meta dik it-talba tiġi ssottomessa lill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru.